Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 94/20**
il-Lussemburgu, 16 ta' Lulju 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-129/19,
Presidenza del Consiglio dei Ministri vs BV

# L-Istati Membri għandhom jagħtu kumpens lil kull vittma ta' delitt intenzjonali vjolenti, inkluż lil dawk li jirrisjedu fit-territorju tagħhom stess

*Il-kumpens ma għandux ikopri l-kumpens sħiħ tad-danni, iżda l-ammont tiegħu ma jistax ikun purament simboliku*

Fis-sentenza **Presidenza del Consiglio dei Ministri** (C-129/19), mogħtija fis-16 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, iddeċidiet, fl-ewwel lok, li tista' tiġi applikata l-iskema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' Stat Membru għal dannu kkawżat minħabba l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jkunx ittraspona d-Direttiva 2004/80 [1] fi żmien xieraq, fir-rigward ta' vittmi residenti fl-imsemmi Stat Membru, li fit-territorju tiegħu ikun twettaq l-att ta' kriminalità intenzjonali vjolenti. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa mogħti lill-vittmi ta' aggressjoni sesswali taħt skema nazzjonali ta' kumpens lill-vittmi ta' kriminalità intenzjonali vjolenti ma jistax jiġi kklassifikat bħala "ġust u xieraq", fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni, jekk dan jiġi stabbilit mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-gravità tal-konsegwenzi, għall-vittmi, tad-delitt imwettaq u għalhekk ma jirrappreżentax kontribuzzjoni adegwata bħala kumpens għad-dannu materjali u morali mġarrab.

F'dan il-każ, f'Ottubru 2005, BV, ċittadina Taljana residenti l-Italja, sfat vittma ta' aggressjonijiet sesswali mwettqa fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Madankollu, il-EUR 50 000 li l-awturi ta' dawn l-aggressjonijiet kienu ġew ikkundannati jħallsuha bħala danni ma setgħux jitħallsu lilha minħabba li dawn l-atturi kienu ħarbu. Fi Frar 2009, BV ressqet kawża kontra l-Presidenza del Consiglio dei Ministri (l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Italja), għal kumpens għad-dannu li hija allegatament ġarrbet minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni fi żmien xieraq, mill-Italja, tad-Direttiva 2004/80 [2]. Matul din il-proċedura, Presidenza del Consiglio dei Ministri ġie kkundannat, fl-ewwel istanza, iħallas lil BV is-somma ta' EUR 90 000, filwaqt li l-ammont tnaqqas fl-appell għal EUR 50 000.

Adita b'appell ippreżentat mill-Presidenza del Consiglio dei Ministri, il-qorti tar-rinviju staqsiet, minn naħa, dwar il-possibbiltà li tiġi applikata l-iskema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' Stat Membru, minħabba t-traspożizzjoni tardiva tiegħu tad-Direttiva 2004/80, fir-rigward ta' vittmi ta' kriminalità intenzjonali vjolenti li ma jkunux jinsabu f'sitwazzjoni transkonfinali. Min-naħa l-oħra, hija kellha dubju dwar in-natura "ġusta u xierqa", fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, tas-somma f'daqqa ta' EUR 4 800, prevista mil-leġiżlazzjoni Taljana [3] għall-kumpens ta' vittmi ta' aggressjoni sesswali.

Fir-rigward tal-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja qabelxejn fakkret il-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istati Membri għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-eżistenza ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni miksura li

[1] Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kupens għal vittmi ta' delitti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65).

[2] Skont l-Artikolu 12(2) tad-direttiva, "[l]-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta' skema ta' kumpens lil vittmi ta' delitti vjolenti internazzjonali kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens bil-fier [ġust] u xieraq għal vittmi".

[3] Għandu jiġi nnotat li, wara l-preżentata tal-azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali kontra l-Italja, dan l-Istat Membru stabbilixxa skema ta' kumpens lill-vittmi ta' kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorju Taljan, kemm jekk dawn jirrisjedu fl-Italja jew le. Din l-iskema tkopri wkoll, b'mod retroattiv, l-atti li jaqgħu taħt dan it-tip ta' kriminalità li twettqu mill-1 ta' Lulju 2005.

tagħti drittijiet lill-individwi, ksur suffiċjentement serju ta’ din id-dispożizzjoni u rabta kawżali bejn dan il-ksur u d-dannu mġarrab mill-individwi. F’dan il-każ, fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80, tal-kuntest tagħha u tal-għanijiet tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat b’mod partikolari li, permezz ta’ din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma għażilx li tiġi stabbilita, minn kull Stat Membru, skema ta’ kumpens speċifika, limitata biss għall-vittmi ta’ kriminalità intenzjonali vjolenti li jinsabu f’sitwazzjoni transkonfinali, iżda li jiġu applikati, favur dawn il-vittmi, skemi nazzjonali ta’ kumpens lill-vittmi ta’ din il-kriminalità mwettqa fit-territorji rispettivi tal-Istati Membri. Skont l-analiżi tagħha, hija qieset li **d-Direttiva 2004/80 tobbliga lil kull Stat Membru ikollu skema ta’ kumpens li tkopri lill-vittmi kollha ta’ kriminalità intenzjonali vjolenti mwettqa fit-territorji tagħhom, u mhux biss lill-vittmi li jinsabu f’sitwazzjoni transkonfinali.** Minn dak li ntqal, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li d-Direttiva 2004/80 tagħti d-dritt li jinkiseb kumpens ġust u xieraq mhux biss lill-vittmi ta’ din il-kriminalità li jinsabu f’tali sitwazzjoni, iżda wkoll lill-vittmi li jirrisjedu abitwalment fit-territorju tal-Istat Membru li fih twettaq id-delitt. Konsegwentement, sakemm iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra ċċitati iktar ’il fuq jiġu ssodisfatti, individwu għandu dritt għal kumpens għad-danni kkawżati lilu mill-ksur, minn Stat Membru, tal-obbligu tiegħu li jirriżulta mid-Direttiva 2004/80, u dan indipendentement mill-punt dwar jekk dan l-individwu kienx jinsab f’sitwazzjoni transkonfinali fil-mument meta huwa kien il-vittma tad-delitt inkwistjoni.

Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fl-assenza, fid-Direttiva 2004/80, ta’ kwalunkwe indikazzjoni fir-rigward tal-ammont tal-kumpens meqjus li jikkorrispondi għal **kumpens “ġust u xieraq”**, din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi marġni ta’ diskrezzjoni lill-Istati Membri f’dan ir-rigward. Madankollu, għalkemm dan il-kumpens **ma għandux neċessarjament jiżgura kumpens sħiħ għad-dannu materjali u morali mġarrab mill-vittmi** ta’ kriminalità intenzjonali vjolenti, dan **ma jistax ikun ta’ natura purament simbolika jew manifestament insuffiċjenti fid-dawl tal-gravità tal-konsegwenzi**, għal dawn il-vittmi, tad-delitt imwettaq. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpens mogħti lil tali vittmi skont din id-dispożizzjoni għandu, fil-fatt, jikkumpensa, b’mod adegwat, it-tbatija li dawn ikunu ġew esposti għaliha. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li kumpens fil-forma ta’ somma f’daqqa lil tali vittmi jista’ jiġi kklassifikat bħala “ġust u xieraq”, sakemm l-iskala tal-kumpens tkun iddettaljata biżżejjed, b’mod li jiġi evitat li l-kumpens fil-forma ta’ somma f’daqqa previst għal tip ta’ vjolenza partikolari jkun jista’ jirriżulta, fid-dawl tal-fatti ta’ każ partikolari, f’kumpens manifestament insuffiċjenti.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*